IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru43 (Tlieta u Erbgħin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis 24 ta' Frar, 2022, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Vici Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Anthony Valvo |
| **Skuzati:** | |
| Il-Kunsillier | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**43.1. Item Nru 43.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

43.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.20pm. Is-Segretarju informa l-Kunsill li s-Sinjura Doris Borg talbet li tiġi skużata mil-laqgħa minħabba impenji oħra. Il-Kunsill qabel li tiġi kunsidrata skużata.

**43.2. Item Nru. 43.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-Minuti ġew moqrija u kien hemm korrezzjoni waħda mis-Sa. Rosabelle Pulis fejn f'minuta numru 42.3.4 xtaqet li tiġi inkluza "Sa. Pulis staqsiet meta ser issir il-bus shelter temporanju fi Triq l-Ispnott bil-bricks ghaliex hemm il-bżonn tiegħu imminenti."

Is-Sa. Pulis xtaqet ukoll li tiġi inkluża mistoqsija li għamlet hi dwar id-dogs park u tiġi hekk "Sa Pulis tkellmet dwar dog park imma s-segretarju qal li l-ewwel irridu naraw mal-PA ghax sirna nafu li mhix propjetà tal-kunsill il-post fejn hu l-aħjar li jsir dogpark.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1430 – Malta
Tel: 21694343
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

**43.3 Item Nru. 43.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

43.3.1 Is-Sindku qal li l-leaflets tal-Water Services Corporation qiegħdin jitqassmu.

43.3.2. Is-Sindku qal li t-tender tal-jogging track għadu mhux lest pero wasalna fl-aħħar. Dan dam ħafna għaliex hu tender kbir u jieħu ż-żmien biex ikun kollox eżatt.

Is-Sindku qal li tkellem mac-Chief of Staff tal-Ministru tal-Finanzi u dan ikkonfermalu wkoll li ser niġu rifonduti l-ispejjeż kollha relatati ma' dan il-proġett. Din tagħmel differenza kbira fil-kontijiet tal-Kunsill għaliex ħafna mil-ispejjeż professjonali saru mil-allokazzjoni tal-Kunsill u dawn ilaħħqu l-fuq minn €25,000.

43.3.3. Is-Sindku tkellem fuq il-bandli u qal li dan saret stima totali inkluz il-*contingency* fejn b'kollox tela €150,000. Is-Sindku qal li l-Bandli huwa prijorita u jekk napplikaw f'isem il-Kunsill għal Development Funds kieku jkollna nħallsu l-20% pero jekk tidħol NGO dan il-perċentwal jinżel għal 0%. Il-Kunsill avviċina lix-Xgħajra Tornados u aċċettaw. Għalhekk issa nistennew l-eżitu. Kien hemm qbil unanimu li nkomplu bl-applikazzjoni tad-Development Funds.

43.3.4 Is-Sindku tkellem fuq il-bus shelter u qal li ser inkellmu lil Perit Rene Fava tal-iscouts sabiex jgħinu u napplikaw għal DNO.

43.3.5 Is-Sindku qal li kellna skema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fuq Attivitajiet u applikajna għal Gostra b'valur ta' €10,000.

43.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm min hu interessat jagħti ħajja l-Hall ta' taħt il-bandli għal dawn is-sentejn li ġejjin. Huwa qal li ser jitkellem mas-Sur Mario Fava sabiex inkunu nistgħu noħorġu Espressjoni ta' interess għal sentejn.

Is-Sa. Pulis qalet li tajjeb jekk tinkera u nieħdu xi tip ta' kirja biex inkunu nistgħu nagħmlu affarijiet oħra bihom.

43.3.7 Is-Sindku qal li dwar id-dogs park irridu nsibu post ieħor adeġwat għalhekk ser nitkellmu dwar dan is-suġġett il-quddiem.

IX-XGĦAJRA

**43.4 Item Nru 43.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

43.4.1 Is-Sur Raymond Camilleri qal li it-Tlieta li ġej ser jgħaddielna l-ittra l-avukat dwar l-ittra mil-qorti dwar il-proġett ta-boċċi u ser jgħaddijielna sabiex narawha qabel.

43.4.2 Is-Sur Anthony Valvo staqsa jekk jistax isir cat shelter fejn il-klabb tal-futbol. Is-Segretarju qal li ser titwaħħal kaxxa fejn in-nursery.

**43.5 Item Nru. 43.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

43.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport Finanzjarju tas-sena 2021 u wara li ġie spjegat il-Kunsill qabel unanimement li jgħaddi lill-Uditur u 'l-NAO għall-verifika.

**43.6 Item Nru. 43.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

43.6.1 Is-Sindku qal li ix-xahar li ġer ser ituna l-fondi tal-WSC li jammontaw €10,000. Il-Kunsill qabel li bħas-sena l-oħra ngħinu lil għaqdiet u nħallu €5,000 sabiex niffinanzjaw il-bankijiet tax-xatt f'każ li l-applikazzjoni tiġi approvata.

**43.7 Item Nru. 43.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

43.7.1 Pagamenti b'numru 110 ġew approvati unanimament.

**43.8 Item Nru. 43.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

43.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**43.10 Item Nru. 43.10 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

43.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.48pm
Minħabba l-Elezzjoni Generali u li l-Kunsilliera ser ikunu impenjati aktar mis-soltu il-laqgħa ser tiġi aġġornata sinedie.

________________________ ________________________

Ranier Busuttil — Neil Attard

Segretarju Eżekuttiv — Sindku